SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 40-18**

**15 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' fil-għaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea - Kunsilliera
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**40.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li kulħadd kien preżenti għall-laqgħa.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 38-18**

**40.2.1 *Bollards fi Triq l-Ibiscus***
B'referenza għal minuta 38.2.2 tal-laqgħa preċedenti s-Sindku nforma l-Kunsill li l-*bollards* ser jeħlu l-ġimgħa li jmiss. Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar iċ-ċint li kellu jsir fuq ħanut li jmiss ma' Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku qal li tawh parir biex jitneħħa l-ġebel.

**40.2.2 *Ġbid ta' Video kummerċjali mingħajr permess fi Ġnien is-Serenita'***
B'referenza għall-Minuta 38.5.3 tal-Laqgħa preċedenti l-Kunsill innota li baqa' ma sarx il-ħlas dovut marbut ma' dan il-każ. Il-Kunsill qabel li jerġa jieħu parir legali dwar din is-sitwazzjoni.

**40.2.3 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 39-18 (Laqgħa Msejħa b'Urġenza)***
Is-Sindku rrefera għall-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret mill-Awtorita' tal-Artijiet LAPC-7/17 Triq l-Istefanotis /Triq Katerina Vitale li għaliha kien attenda hu flimkien mal-Kunsillier Joe Bonello u qal li l-iżvilupp kien jirrigwarda l-parti l-privata tal-art biss. Huwa qal li l-parti l-oħra sta għall-gvern li jiddeċiedi fuqha.

**40.3 *Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti***
**40.3.1 *Approvazzjoni ta' kwotazzjoni għal xiri ta' laptop***
Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €475.00 għal xiri ta' *laptop* tal-Kunsill. Din il-kwotazzjoni kienet l-orħos minn tlett kwotazzjonijiet miġbura.

**40.3.2 *Ħlas dovut lill-Melita***
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar kont li l-kumpanija Melita baqgħu jibgħatu wara li nqata' is-servizz. Hija qalet li kienet oġġezjonat għal diversi drabi dwar dan il-kont peress lin-nuqqas li ma nġabarx il-*modem* kien ta' din il-kumpanja. Hija qalet li issa l-Kunsill irċieva ittra fejn qed jintalab iħallas biss tal-konsum li baqa' jsir minn fuq il-linja marbuta ma' dan is-serivizz. Il-Kunsill qabel li jsir il-ħlas tal-konsum kif qed titlob il-kumpanija Melita.

**40.3.3** ***Kwotazzjoni għal xogħol fuq il-latrina pubblika fil-Picnic Area***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €506.29 biex jinxtara l-materjal u jsir xogħol ta' manutenzjoni intensiv fuq is-saqaf tal-latrina pubblika wara ħsarat li ġew irraportati mill-Kuratur tal-Ġnien Ċiniż.

**40.3.4** ***Kwotazzjoni għal servizz ta' Accoutant dwar mili ta' FATCA and CRS Forms***

***Il****-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €120 biex isir il-mili ta' FATCA u CRS forms rikjesti mill-Bank of Valletta.*

**40.3.5** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM40-18 għall-perjodu bejn id-9 ta' Frar 2018 sas-6 ta' Marzu 2018 u minn *cheque* numru BOV 7065 sa *cheque* numru BOV 7097.

**40.4** ***Rapport Finanzjarju – 4th Quarterly Report 2017***

Il-Kunsill approva ir-raba' Financial Quarterly Report għas-sena 2017 li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport huwa rifless fil-*Financial Statements* li kienu approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tat-12 ta' Frar 2018.

**40.5** ***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***

**40.5.1** ***Measure 4.3***

Is-Sindku rrefera għall-ispiża involuta fuq xogħol li qed titlob il-Korparazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma b'rabta max-xogħol ta' kisi ta' toroq rurali taħt il-program Measure 4.3. Il-Kunsill iddiskuta din l-ispiża li tammonta għas-somma ta' €13,845.54 u ġie deċiż li l-Kunsill m'għandux fondi disponibbli biex iħallas għas-*civil works* kif qed tipproponi l-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lill-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma f'dan ir-rigward.

**40.5.2** ***Tranġar ta' rampa ħdejn il-Kappella***

Is-Sindku qal li meta l-kuntrattur ġie biex jinstalla l-*bollards* fi Triq Ines Soler ħdejn il-kappella, iltaqa' ma' diffikulta peress lir-rampa fejn ser jeħlu l-*bollards* għandha bżonn titranġa. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol neċessarju fuq din ir-rampa.

**40.5.3** **Trinka għal cable tad-dawl fuq iz-Zuntier tal-Knisja**

Saret referenza għat-trinka li kellha ssir fuq iz-zuntier tal-Knisja biex minnha jgħaddi *cable* tad-dawl biex jinxtegħlu żewġ arbli fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn li l-Enemalta tiġi u tassigura jekk hemmx xi *cables* tad-dawl għaddejin minn taħt l-art qabel isir it-tħaffir.

**40.5.4 Proposti tal-Kuratur tal-Ġnien**

Is-Sindku tkellem dwar xi proposti li ressaq il-kuratur ta' Ġnien is-Serenita'. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li fil-każ tal-permess ta' *dromes* fuq Ġnien is-Serenita' ġie nnutat li l-Kunsill mhux l-awtorita' kompetenti biex toħroġ tali permessi. Fir-rigward ta' permessi biex ma jintużawx vetturi u ma jiddaħlux annimali fil-ġnien, l-Kunsill qabel li kull każ għandu jiġi deċiż individwalment.

**40.5.5 Solar Cinema – Proġett Valletta 2018**

Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet li qed ittella' l-Fondazzjoni Valletta 2018 u għal waħda minn dawn l-attivitajiet li ser issir fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li ser tittella' attivita bl-isem ta' Solar Cinema u din l-attivita li ser issir fit-13 ta' Awissu 2018 u ser tkun immirrata għat-tfal.

**40.5.6 Garden Drive**

Is-Sindku rrefera għal *e-mail* li ntbagħtet mis-Segretarjat Parlamentari Għall-Kunsilli Lokali u l-Komunitajiet. Huwa qal li dan ir-resident qed jistaqsi jekk ittieħditx azzjoni kontra l-kuntrattur responsabbli mix-xogħol ta' *resurfacing* ta' din it-triq. Qamet diskussjoni u fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li ix-xogħol li sar mill-kuntrattur kien iċċertifikat mill-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill innota wkoll li kien sar rimedju kif propost mill-perit biex meta tagħmel xita straordinarja u tkun taqbel lejn in-naħa tal-bieb ta' barra, ma jidħolx ilma fl-entratura tal-Blokk. Il-Kunsill innota wkoll li dan ir-resident irrifjuta l-proposta tal-Kunsill biex isir soll quddiem il-bieb biex ma jidħolx ilma.

**40.5.7 Xtieli tal-Oleandri**

Is-Sindku tkellem fuq l-arbuxell tal-Oleandri li hemm fi Triq id-Dalja u Post il-Gladjoli u dwar il-fatt li jżomm ħafna ħmieġ taħthom. Qamet diskussjoni dwar jekk għandhomx jinqalgħu. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Viċi Sindku li qal li l-aħjar li dawn jinżabru minn taħt u jsiru siġar.

**40.6 Xogħolijiet fi Triq il-Peprin**

Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Peprin li qed isir minn Transport Malta. Huwa qal li l-bankina u x-xogħol fuq ir-*resurfacing* tal-*parking area* huma nkluż ma' dan il-proġett. Huwa qal ukoll lis-servizzi ġew mgħoddija fuq in-naħa riservata għal *parking* li ġiet *resurfaced* bil-konkos. Is-Sindku qal ukoll li ser jinbidel iċ-ċint tal-ħajt tal-Picnic area li jmiss ma' Triq Peprin u ser isir *netting* ġdid. Is-Sindku rrefera għat-*Traffic Light Junction* li ser issir fi Triq Luqa u qal li d-dħul u l-ħruġ ser isir bil-lest.

**40.7 Kuntratt SLLC (ARC) 57/08/01 Servizz Professjonali ta' Perit**

Is-Sindku, bħala c-Chairperson tal-Evaluation Committee tal-Kuntratt hawn fuq imsemmi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-Evalutation Report li ħejjiet is-Segretarju Eżekuttiv bħala Segretarju tal-istess kumitat. Saret diskussjoni u permezz ta' mozzjoni mressqa mis-Sindku u sekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Evaluation Committee biex dan il-kuntratt jingħata lill-Perit Karl Cutajar li tefa' l-orħos offerta.

**40.8 Kuntratt SLLC(RC)57/18/03-Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku mill-Lokalita' ta' Santa Luċija b'Metodu Favur l-Ambjent – approvazzjoni tal-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni**

**40.8.1** ***Approvazzjoni tal-membri tal- Kumitat ta' Evalwazzjoni***

Il-Kunsill approva dawn il-membri fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjoni fuq is-sejħa hawn fuq imsemmija

Chairperson - Terrence Ellul

Evalwatur – Finanzi: Josianne Debono

Evalwatur – Legali: Dr Vincienne Vella

Evalwatur – Tekniku: Suzanne Cassar Dimech

Segretarju – Caroline Silvio

**40.9 Kuntratt ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija**

**40.9.1** Il-Kunsill iddiskuta dan il-kuntratt li wasal biex jagħlaq. Ġie nutat li ma kienx hemm l-ebda tweġiba mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali fuq il-korrispondenza li kien bagħat il-Kunsill dwar dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Kuntrattur dwar it-terminazzjoni ta' dan il-Kuntratt. Il-Kunsill qabel ukoll li jinkera servizz temporarju sakemm isir il-proċess tas-sejħa pubblika.

**40.10 Proposta ta' Żvilupp fi Triq l-Istefanotis u Triq Katerina Vitale**

Ġie nutat lid-diskussjoni fuq din il-proposta diġa saret waqt il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa li saret b'urġenza (Minuta 40.2.3)

**40.11 Proġett Flows – Europe for Citizens**

Il-Kunsill iddiskuta l-arranġamenti fir-rigward tal-proġett Flows li ser jiġi mplimentat bejn il-21 u l-24 ta' Marzu 2018. Il-Kunsill iddiskuta l-programm fid-dettal u sar xi tibdil li kellu jseħħ minħabba li l-użu tal-Ġnien u tat-Tea Room kellu jiġi limitat minħabba x-xogħolijet ta' *resurfacing* ta' Triq il-Peprin. Ingħata tagħrif ukoll dwar l-esibizzjoni li ser tittella għal okkazzjoni u l-Ġemellaġġ ma' Lubriano li kellu jiġi ffirmat waqt dan il-proġett.

**40.12 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**40.12.1** ***Manutenzjoni***

Il-Kunsillier Bonello staqsa dwar il-manutenzjoni taċ-ċnut fi Triq Inez Soler. Huwa qal ukoll li l-mera li kellha ssir fi Triq Inez Soler għadha ma saritx u qal ukoll li fi Triq il-Vjoli hemm mera mtaqba. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dawn l-ilmenti.

**40.12.2** ***Triq Gardenja***

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa meta ħa tiġi *reinstated* Triq Gardenja wara x-xogħol li sar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Is-Sindku qal li qed jistennew ir-riżultati ta' xi testijiet tal-ilma biex it-triq tkun tista' tiġi r-*reinstatement* bit-tarmak.

**40.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-6.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 17 ta' April 2018 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |